MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 847/2006

**Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**A**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. B’diversi atti maghmulin minnu f’dawn l-ahhar snin li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda gewwa diversi bnadi f’Malta, uza vjolenza sabiex igieghel lil bintu S u lil ex-martu S jaghmlu, ihallu isiru, jew jonqsu milli jaghmlu, xi haga, u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-bintu S sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa l-gzejjer Maltin hedded lill-istess bintu S u lill-ex-martu S bi kliem u, dan ai terminu tal-artikolu 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kapitolu 481 ta' Malta.

4. Fl-istess bnadi, hinijiet u zminijiet ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' bintu S, u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 sa llum gewwa diversi bnadi fil-gzejjer ta' Malta f'diversi hinijiet differenti b'rizoluzzjoni wahda uza vjolenza sabiex igieghel lil bintu S taghmel, jew thalli jsiru, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 sa llum gewwa diversi bnadi fil-gzejjer ta' Malta, hebb ghal bintu S sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Bejn il-perjodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa llum f'diversi bnadi ta' Malta hedded lill-istess bintu S u lill-ex-martu S bi kliem, u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Bejn il-perjodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa llum f'diversi bnadi ta' Malta kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' bintu S u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi f'diversi inhawi f'Malta b'imgiebtu ikkaguna lil ex martu u lil bintu, li jibzghu li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta' taghhom, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf

li tali imgiebha tieghu se tikkaguna lil dawn il-persuni li hekk jibzghu u dan ai terminu tal-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' S u S sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata kif jidrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2), (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Awwissu 2006 (esebit *a folio* 36 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew mibdija wara li l-Pulizija rceviet kwerela datata 3 t'Awwissu 2006[1] maghmula minn S li kienet qed tagixxi wkoll ghan-nom ta' bintha S ta' tlettax (13) il-sena fejn il-Pulizija ntalbet tinvestiga u tiehu proceduri fil-konfronti tal-imputat minhabba agir vjolenti u

[1] Inserita a fol. 11 tal-atti processwali.

theddid fil-konfronti ta’ bintu S u tal-ex-martu S. L-imsemmija S ghamlet ukoll zewg rapporti lil Pulizija f’dan is-sens, wiehed fis-27 ta’ Lulju 2006[2] u l-iehor fil-31 ta’ Lulju 2006[3]. Mill-provi rrizulta li l-imputat u martu S kienu ilhom ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni ghal diversi snin u li f’xi zmien S telqet minn Malta u marret tghix l-Awstralja u binthom minuri S ghamlet madwar erba’ snin fil-kustodja ta’ missierha fejn kienet tghix principalment man-nanna paterna M, u cioe’ omm l-imputat. Mill-provi rrizulta wkoll li fil-25 ta’ Lulju 2006 meta l-imputat kien imsiefer, it-tifla S telqet mid-dar tan-nanna u marret ma ommha S li kienet regghat giet Malta mill-Awstralja fejn huma t-tnejn marru jghixu fis-shelter tal-Appogg f’Santa Venera fejn it-tifla giet mitkellma minn social workers u sussegwentement mill-Pulizija[4] fejn hija esprimiet biza’ kbira minn missierha, u cioe’ l-imputat, u fejn hija qalet li ma xtaqitx terga’ tmur lura ma missierha jew li terga’ tarah.

Ikkunsidrat:

Illi S xehdet f’dawn il-proceduri bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tat-23 ta’ Mejju 2007 fejn hija rrakkuntat diversi ncidenti fejn missierha l-imputat kien isawwatha billi jaghtiha daqqiet f’rasha u f’darha u anki jaqsmilha xuftjeha jew billi jigbidha minn xagharha fit-tarag u dan ghall-ebda raguni valida bhal per ezempju ghaliex tkun iltaqghet ma’ ommha u skond hu ma tkunx qaltlu jew inkella ghaliex il-kugini taghha kienu jdumu jistudjaw sas-2.00am u hija ma kinitx tistudja. Hija rrakkuntat incident partikolari fejn tant kienet imdejqa minhabba l-komportament ta’ misssierha fil-konfronti taghha fejn hija dahlet plastic bag f’rasha u pruvat torqod bih sabiex tehles mid-dwejjaq u fejn hija anki kienet kitbet xi noti sabiex tispjega il-ghala kienet qed taghmel hekk. S rrakkuntat ukoll incident iehor fejn l-imputat beda’ jsabtilha rasha mal-hajt ghaliex hija marret tard sabiex tigbor kera minghand xi hadd li missierha kien jikrilu hanut u ghalhekk il-hanut kien ghalaq. Hija qalet ukoll li missierha kien

[2] Inserit a fol. 16 tal-atti processwali .
[3] Inserit a fol. 19 tal-atti processwali.
[4] Ara dikjarazzjoni maghmula minn S inserita a fol 12 sa 15 tal-atti processwali..

jghidilha li seta’ joqtol lil ommha billi jhallas Lm100 lil xi hadd u minghajr ma l-anqas biss ihammeg idejh u li jekk hija kienet tghid xi haga tant kien jaghtiha daqqiet f’wiccha li hadd ma’ kien jarafha. Hija qalet ukoll li missierha kien jghidilha li ommha kienet abbandunata u li kieku ma kienx ghalih kienet tispicca f’istitut. S irrakkuntat ukoll li f’okkazzjoni minnhom meta sawwatha missierha qalilha li d-darba li jmiss ma kienx ser jieqaf qabel ma jara d-demm hiereg. Hja qalet ukoll li huwa kien igieghlha tnaddaflu d-dar anki f’nofs ta’ lejl u li kien jghidilha li hija kienet hemm sabiex tnaddaflu u sabiex tghinu jiehu d-dar ta’ Pembroke ghalih biss u ad eskluzjoni ta’ ommha. Hija tispjega wkoll kif kienet kostretta tiehu hsieb lin-nanna taghha qisha nurse, kienet tnaddafha, taghtiha tiekol eccetera izda qalet li kienet tippreferi tkun qisa skjava ta’ nannitha milli tghix ma’ missierha li jsawwatha. S qalet ukoll li missierha gieli kien jigi lura mill-Qorti u jibda jsawwatha ghaliex jghidilha li tixbah lil ommha u tghid li huwa kien dejjem isawwatha u jaghtiha daqqiet f’postijiet fejn ma jidhrux bhal f’rasha fejn imbaghad il-gundalla kienet tkun mghottija bix-xaghar jew inkella f’darha fejn id-daqqa kienet imbaghad tkun mghottija bil-hwejjeg. Hija spjegat li fl-okkazzjoni fejn iddecidiet li tiftah qalbha ma’ ommha u tghidilha minn x’ hiex kienet tghaddejha dan ghamlitu ghaliex kienet regghat akwistat fiducja f’ommha meta din giet lura mill-Awstralja u ghaliex irragunat li ma kinitx ser issib okkazzjoni ohra fejn missierha jkun imsiefer u ghalhekk tkun tista’ tahrab mill-hajja ta’ dwejjaq u ta’ sofferenza li kienet tghix fiha. Hija nnegat b’mod kategoriku li dak li kienet qed tallega fil-konfronti ta’ missierha kienet istigata ommha sabiex tghidu. Hija qalet ukoll li l-imputat kien igeghlha tikteb ittri lil Qorti sabiex tghid li ma riditx tara lil ommha ghaliex din ma kinitx thallas ghall-mizati tal-iskola taghha u affarijiet ohra simili. S qalet ukoll li missierha ma ridx jibghatha lezzjonijiet zejda sabiex teghleb il-problema ta’ dyslexia li kienet issofri minnha u dan sabiex ma jhallasx aktar flus.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri xehdet anki S fejn hija spjegat kif il-komportament ta zewgha fil-konfronti taghha geghlha

titlaq minn Malta sabiex tkun tista' tirkupra sahhitha kemm fizika kif ukoll mentali u fejn hija qalet li ma setghatx tigi lura Malta ghal perijodu ta madwar erba' snin minhabba incident serju li kellha waqt li kienet l-Awstralja. S ikkonfermat dak li qalet bintha S dwar ic-cirkostanzi li fihom S telqet mid-dar tan-nanna u huma fitxew rifugju fis-shelter tal-Appogg.

F'dawn il-proceduri xehdu anki J[5] li huwa missier R nee' F, wahda mill-girlfriends tal-imputat, S[6] u R nee' F[7] fejn dawn lkoll ikkonfermaw u kkorroboraw dak li xehdet S dwar il-karattru tal-imputat u dwar kif huwa kien inissel biza' kbira kemm fi S kif ukoll f'R.

Ikkunsidrat:

Illi fid-9 ta' Awwissu 2006 l-imputat irrilaxxja stqarrija[8] fejn huwa cahad kategorikament dak li gie allegat minn bintu fil-konfronti tieghu u fejn huwa stqarr li bintu kienet qed tghid dawn l-affarijiet ghaliex kienet qed tigi brainwashed minn ommha. Fl-istess stqarrija l-imputat spjega kif ezatt qabel ma siefer bintu S kienet marret twasslu l-airport ma zijuha u kienet tatu lucky charm sabiex izommha ghaliex kien jibza' mill-ajruplan. Huwa qal li t-tifla kienet tghix hajja komda meta kienet mieghu u kienet kuntenta u stqarr li dak kollu li kienet qed tallega kien kollu gideb u qal kif ma setghax jifhem il-ghala hija ma riditx tarah aktar. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2009 fejn ikkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija u fejn rega' cahad kategorikament dak li kienu qed jallegaw fil-konfronti tieghu kemm martu kif ukoll bintu. Huwa ta rendikont dettaljat dwar kif iltaqa' ma' S u dwar dak li gara fiz-zwieg taghhom u wara, u cioe tul il-kawza ta' separazzjoni li damet snin twal ghaddejja. Huwa spjega kif fil-1993 martu kienet telqet mid-dar b'S li kienet ghadha tarbija ta' sitt xhur u imbaghad kif fl-1998 hija marret l-Awstralja u halliet lit-tifla warajha. Huwa sostna li lit-tifla dejjem trattaha fuq wicc l-idejn u qal li dak kollu li

[5] Traskrizjoni tax-xhieda relativa inserita a fol. 201 sa 208.
[6] Li xehdet waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2009.
[7] Li wkoll xehdet waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2009.
[8] Inserit a fol. 6 sa 10 tal-atti processwali.

kienet qed tghid assolutament ma kienx minnu izda hija kienet qed tigi nfluwenzata minn ommha sabiex tghid dawn l-affarijiet sabiex ommha tiehu l-kustodja taghha u tehodha lura maghha l-Awstralja. Huwa esebixxa ammont konsiderevoli ta' dokumenti u anki tape b'recording ta' martu qed titkellem sabiex juri li martu u bintu kienu qed jigdbu dwar il-komportament tieghu fil-konfronti taghhom ghaliex skond hu minn dawn id-dokumenti jirrizulta li dawn kienu jesprimu kliem ta mhabba u rikonoxximent fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat produca bhala xhieda lil ommu M u lil hutu R u A li lkoll xehdu waqt l-udjenza tal-15 ta' April 2010 kif ukoll lir-ragel ta' ohtu M[9] fejn dawn ilkoll indikaw li ma jistghux jifhmu il-ghala S ghamlet l-allegazzjonijiet li jifformaw il-mertu ta' din il-kawza fil-konfronti ta' missierha ghaliex sostnew li huma dejjem jafuha bhala tifla kuntenta u f'relazzjoni tajba ma missierha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-fatti processwali voluminuzi f'dan il-kaz u jidrilha li l-kwistjoni kollha hija essenzjalment wahda ta' kredibilita' u ghalhekk ta' aprezzament ta' provi fejn il-Qorti hija rinfaccjata min-naha wahda bl-allegazzjonijiet da apri ta' S ta vjolenza psikologika izda anki fizika da' parti tal-imputat fil-konfronti taghha u min-naha l-ohra ic-cahda kategorika da parti tal-imputat li huwa qatt ikkomporta ruhu kif allegat minn bintu. Il-Qorti wara li qrat ghal aktar minn darba il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz u specjalment wara li kellha l-opportunita' li tisma' x-xhieda tal-minuri bil-procedura tal-video conferencing u sussegwentement wara li regghat rat it-tape recording tax-xhieda tal-minuri tinsab konvinta lil hinn minn kull dubju li t-tifla kienet qed tghid il-verita' u li dak li kienet qed tghid qaltlu ghaliex verament graw l-affarijiet allegati u mhux ghaliex giet

[9] Li xehed waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2010.

influwenzata jew ghaliex gie suggerit lilha minn ommha jew minn xi haddiehor li tghid dawn l-affarijiet. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet, l-ewwel u qabel kollox ghaliex l-allegazzjonijiet li ghamlet meta xehdet f'dawn il-proceduri kienet diga' ghamlithom meta rrilaxxjat id-dikjarazzjoni li tinsab inserita a fol. 12 sa 15 u din id-dikjarazzjoni kienet itiehdet fid-9 ta' Awissu 2006, u cioe' meta l-minuri kienet ilha biss ftit tal-jiem fil-kustodja ta' ommha u ghalhekk zgur li ma setghatx tigi influwenzata b'dak il-mod. Il-Qorti inoltre setghat tinnota il-mod skjett u fl-istess waqt dettaljat li bih xehdet il-minuri kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami u jidrilha li huwa impossibbli ghal tifla ta' dik l-eta' li tirrakkonta minghajr tlaqliq u minghajr ezitazzjoni u f'daqshekk dettall daqstant episodji jekk dawn ma jkunux verament sehhew. Il-Qorti setghat tinnota kif it-tifla rrispondiet spirtu pront ghal certu domandi li sarulha in kontro-ezami u setghat ukoll tinnota it-tifla kienet 'bitter' u mwegga' meta rrakkuntat dwar il-komportament ta missierha fil-konfronti taghha tul is-snin. Il-Qorti inoltre jidrilha li dak li qalet il-minuri gie kkorroborat kemm mix-xhieda ta' ommha S izda aktar importanti minn xhieda ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni bhal R, J u S fejn dawn lkoll ikkonfermaw kemm l-imputat kien jissuxxita biza' f'bintu u anki fihom bl-imgieba tieghu. Il-Qorti tinsab konvinta li l-allegazzjonijiet maghmula minn S verament sehhew u li din qed tghid il-verita'.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel(1) u l-hames(5) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta r-reat ta' vjolenza kontra l-privat kontemplat fl-Artikolu 251 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li dan ir-reat jirrizulta pruvat mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u senjatament mix-xhieda ta' S izda limitatament in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghall-vjolenza ezercitata fil-konfronti taghha. Mix-xhieda ta' S fil-fatt jirrizulta li l-imputat uza vjolenza fil-konfronti taghha f'diversi okkazzjonijiet tul l-erba' snin li damet fil-kustodja tieghu u dan sabiex igeghlha jew tikteb ittri sabiex dawn jigu esebiti l-Qorti fejn tghid li ma tridx tara lil ommha jew inkella sabiex igeghlha tnaddaflu d-dar f'nofs ta' lejl jew ghal ragunijiet ohra li t-tifla rrakkuntat

dwarhom fid-dettall. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda tal-minuri jirrizulta wkoll li l-istess imputat hebb ghal minuri S sabiex idejjaqha, jingurjaha u jaghmlilha hsara skond kif jinsab akkuzat permezz tat-tieni u s-sitt imputazzjoni u li huwa hedded lil bintu bi kliem skond kif jinsab akkuzat permezz tat-tielet u s-seba’ imputazzjoni fejn huwa qal li bintu li ser joqtol lil ommha billi jhallas mitt lira u minghajr ma jhammeg idejh kif ukoll li huwa bl-imgieba tieghu ikkaguna lil bintu u lil ex martu biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom u cioe’ r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tad-disa’ akkuza. Dwar dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-27 ta’ Frar 2009 fil-kawza fl-simijiet ‘Pulizija vs Massimo Tivisini fejn il-Qorti spjegat x’inhuma il-kriterji li ghandhom jigu adottati sabiex wiehed jistabilixxi jekk imgieba ghandhiex titqies bhala wahda li tikkaguna biza’. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt qalet is-segwenti:-

***‘Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta’ min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta’ tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe’ li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza (“whose course of conduct is in question”), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza’ f’haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f’ xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza’ fil-persuna l-ohra f’ dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f’ dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A (3)(a)(b) u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta’ haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta’ taghha jew ta’ haddiehor.’***

Il-Qorti jidrilha wkoll li mix-xhieda ta’ S jirrizulta li l-imputat ikkaguna griehi fuqha izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi stante li la ngabu certifikati medici ‘f’dan ir-rigward u l-anqas xi provi ohra bhal ritratti tal-griehi fejn il-Qorti setghat tikkonstata in-natura u l-ezistenza tal-imsemmija griehi. Il-Qorti ghalkemm jidrilha li jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ezercita vjolenza fizika fuq bintu ma jirrizultax pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li permezz ta’ tali vjolenza huwa kkaguna griehi u ghalhekk l-imputat sejjer jigi dikjarat mhux hati tar-raba’(4) u tat-tmien(8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta izda kkunsidrat ukoll l-imputat negattiv li l-agir u l-imgieba tieghu kellhom fuq bintu f’eta’ daqshekk tenera u jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-minuri llum il-gurnata telqet minn Malta u qed tghix l-Awstralja ma’ ommha l-Qorti xorta wahda sejra timponi Ordni ta Protezzjoni skond kif kontemplat fl-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali kontra l-imputat sabiex tissalvagwardja s-sigurta’ ta’ S jekk din tirritorna Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 251, 339(1)(d), 339(1)(e) u 251B tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat A hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5), is-sitt(6), is-seba’(7) u d-disa’(9) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ tlett (3) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’(4) u tat-tmien(8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfronti tal-imputat A sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ S u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u taht il-kundizzjonijiet

indikati fl-Ordni ta’ Protezzjoni anness ma din is-sentenza u mmarkat bhala Dok. A.

Sabiex tipprotegi l-identita’ tal-vittma l-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni ta’ isem l-imputat u tal-familjari tieghu kif ukoll ta’ isem il-vittmi u tal-familjari taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------